

MT

MT

MT



II-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 17.3.2010
KUMM(2010)103 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-
PARLAMENT EWROPEW**

**Ir-rapport ta' kull sentejn dwar il-Qafas Speċjali ta' Assistenza għall-fornituri
tradizzjonali tal-AKP tal-banana**

SEG(2010)331

1. INTRODUZZJONI

Il-Qafas Speċjali tal-Assistenza (SFA) għall-fornituri tradizzjonali tal-AKP tal-banana inġoloq fl-1999 sabiex jgħin lil dawk il-fornituri biex jaġġustaw għat-tibdil fil-kompetizzjoni internazzjonali u skada f'Diċembru tal-2008. Kien immirat lejn 12-il pajjiż tradizzjonali li jfornu l-banana. Il-Beliże, il-Kamerun, il-Kap Verde, il-Kosta tal-Avorju, Dominika, il-Grenada, il-Ġamajka, il-Madagaskar, Santa Luċija (minn issa 'l quddiem St Luċija), San Vincenz u l-Grenadini (minn issa 'l quddiem San Vincenz), is-Somalja, u s-Surinam. B'kolloxx, xi EUR 376 miljun inġhataw taħt l-iskema tal-SFA.

L-għanijiet kienu jew li titjieb il-kompetittività tal-pajjiżi tradizzjonali li jipproduċu l-banana, jew, jekk dan ma jkunx fattibbli aktar, tiġi meġġuna d-diversifikazzjoni. Il-mira kellha tintlaħaq permezz ta' proġetti imfassla biex

- Tiżdied il-produttività,
- Titjieb il-kwalità,
- Tiġi adattata l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni skont l-istandards ta' kwalità tal-UE,
- It-twaqqif ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li jiffokaw fuq it-titjib tal-kummerċjalizzazzjoni kif ukoll l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni li ma jaġġmlux ħsara lill-ambjent, inkluż il-kummerċ ġust,
- Jiġu żviluppati strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni mfassla biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-organizzazzjoni komuni tal-UE tas-suq taġġha,
- Tingħata għajna lill-produtturi biex jiżviluppaw metodi ta' produzzjoni li ma jaġġmlux ħsara lill-ambjent, inkluż il-kummerċ ġust,
- Tiġi appoġġjata d-diversifikazzjoni kulfejn il-kompetittività fis-settur tal-banana ma tkunx sostenibbli.

L-allokkazzjonijiet annwali tal-pajjiżi kienu bbażati fuq il-qasma fil-kompetittività mqabbla mal-fornituri tal-pajjiżi terzi u l-importazzjoni tal-produzzjoni tal-banana għall-ekonomija ta' kull pajjiż tal-AKP¹. Il-baġit annwali gradwalment naqas minn EUR 44.5 miljun fl-1999 għal EUR 29.2 miljun (2008). Sal-2003, iċ-ċavetta għall-allokkazzjoni kienet imfassla biex tipprovdi iżjed appoġġ lil pajjiżi li kienu qed ibatu minn qasma akbar ta' kompetittività. Sa mill-2004, koeffiċjent ta' tnaqqis ippremjja lill-pajjiżi li għamlu kisbiet kompetittivi.

2. BAŻI LEGALI

Fit-22 ta' April 1999 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 856/1999² li jistabbilixxi Qafas Speċjali ta' Assistenza għall-fornituri tradizzjonali tal-AKP li jipprovdu l-banana. Fit-22 ta' Lulju 1999 il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Nru 1609/1999³ li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu.

¹ Id-dettalji tal-metodoloġija jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1609/1999 tat-2 ta' Lulju 1999, ĠU L 190, 23.7.1999, p. 14.

² ĠU L 108, 27.4.1999, p. 2.

³ ĠU L 190, 23.7.1999, p. 14.

Fl-2007 u fl-2008 il-linja baġitarja ammontat għal EUR 28.67 miljun u EUR 29.226 miljun, rispettivament. Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ffirmaw l-ammonti tal-pajjiżi kienu adottati fit-23 ta' April 2007⁴ u fil-21 ta' April 2008⁵.

L-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill jispeċifika li “*sal-31 ta' Diċembru 2000, u kull [sentejn] minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport, [jekk hu xieraq] akkompanjat minn proposti, dwar l-operat ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*”. Dan ir-rapport ikopri l-2007 u l-2008⁶ u miegħu hemm Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

3. INFORMAZZJONI DWAR IS-SUQ

L-Unjoni Ewropea (UE) hi l-akbar konsumatur u importatur tal-banana fid-dinja. Meta mqabbla mal-2007, fl-2008, 5 416 449 t. (hawn taħt imsejjaħ t.) ta' banana ġew ikkunsmati fl-UE (+3.5%), li minnhom 4 848 889 t. (+3.7%) kienu importati minn pajjiżi terzi u 567 560 t. (+2.3%) oriġinaw domestikament. Fl-2008, l-USA importat 3 976 146 t. ta' banana, tnaqqis ta' 0.7% fuq is-sena ta' qabel. Kważi l-banana kollha importata mill-US kienet toriġina mill-Amerika Ċentrali jew ta' Isfel (il-banana mill-AKP tirrappreżenta 0.003% tal-importazzjoni totali).

Is-suq tal-banana tal-UE hu furnut mill-pajjiżi tal-Aktar Nazzjon Iffavorit (MFN) (fil-biċċa l-kbira pajjiżi tal-Amerika Ċentrali u t'Isfel), il-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP), u produttori domestiċi.

Fl-2008, il-banana tal-MFN ikkunsmata mill-UE kienet ta' 72.5%, filwaqt li l-banana tal-AKP ammontat għal 17% u l-10.5% li fadal kienu prodotti fl-UE. Il-fornituri ewlenin tal-MFN tal-banana kienu l-Ekwador, il-Kolumbja u l-Costa Rica, b'importazzjoni ta' 1 328 033, 1 278 133 u 893 395 t. Matul l-istess sena, il-fornituri ewlenin tal-AKP kienu l-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju u r-Repubblika Dominikana, li esportat 279 530, 216 583 u 170 396 t.

Il-Kap Verde, il-Granada, il-Madagaskar, u s-Somalja ma jesportawx aktar banana lejn l-UE.

4. IS-SISTEMA KUMMERĊJALI TAL-UE

Sa mill-1 ta' Jannar 2006, l-UE qed tapplika tariffa tal-MFN ta' EUR 176/t. fuq l-importazzjoni tal-banana, b'konformità mal-impenji tal-UE li titlaq mis-sistema preċedenti ta' kwota għal sistema ta' tariffa biss. L-istatistika li ssegwi l-impatt tar-reġim il-ġdid fuq l-importazzjoni turi li dan iżomm l-istess kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq, b'żieda fl-importazzjoni.

Matul dan il-perjodu, il-banana li oriġinat mill-pajjiżi l-anqas żviluppatti (LCDs) gawdjet minn aċċes ħieles mid-dazji u l-kwoti għas-suq Ewropew taħt l-inizjattiva Kollox Ħlief Armi (KHA). L-istess japplika mill-1 ta' Jannar 2008, għall-banana li toriġina mill-pajjiżi AKP li kkonkludew ftehimiet li jstabbilixxu, jew iwasslu għal

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C/2007/1744.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C/2008/1424.

⁶ Ir-rapport preċedenti kopra l-2005 u l-2006 COM(2006) 806 finali.

Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs). Il-pajjiżi kollha non LCD AKP li esportaw banana fl-2007 inizjalaw jew iffirmaw EPA interim jew sħiħ.

5. DEĊIŻJONIJIET FINANZJARJI

5.1. Linja baġitarja 2007

Wara l-approvazzjoni tal-Proposti ta' Finanzjament, it-12-il-Ftehim ta' Finanzjament ġew iffirmati kmieni fl-2008 għal EUR 28.67 miljun (Tabella 1).

Xi 42% tal-fondi huma ddedikati għat-titjib tal-kompetittività tas-settur tal-esportazzjoni tal-banana fl-4 Stati Benefiċjarji u 58% tal-fondi għad-diversifikazzjoni fi 8 Stati benefiċjarji (Grafiki 1 u 2).

5.2. Linja baġitarja 2008

Wara l-approvazzjoni tal-Proposti ta' Finanzjament, it-12-il-Ftehim ta' Finanzjament ġew iffirmati kmieni fl-2009 għal EUR 29.23 miljun (Tabella 1).

**Tabella 1: Linja Baġitarja tal-Banana 21 06 05 (ex B7-8710)
1999 – 2008**


Il-Pajjiżi tal-Karibew	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	Total
Il-Beliże	3 100 000	3 100 000	3 450 000	3 500 000	3 200 000	2 930 000	2 490 000	2 110 000	1 800 000	2 039 000	27 719 000
Il-Ġamajka	5 300 000	5 300 000	5 000 000	4 700 000	4 400 000	4 830 000	4 110 000	3 490 000	2 970 000	2 525 000	42 625 000
Dominika	6 500 000	6 500 000	6 700 000	6 400 000	5 900 000	5 300 000	4 510 000	3 830 000	3 260 000	3 603 000	52 503 000
St Luċija	8 500 000	8 875 000	9 200 000	8 800 000	8 000 000	7 260 000	6 170 000	5 410 000	4 600 000	4 808 000	71 623 000
San Vincenz	6 100 000	6 450 000	6 400 000	6 100 000	5 600 000	5 330 000	4 530 000	3 850 000	3 270 000	3 463 000	51 093 000
Il-Grenada	1 000 000	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000	5 500 000
Is-Surinam	3 100 000	2 700 000	2 700 000	2 500 000	2 200 000	2 310 000	1 960 000	1 670 000	1 420 000	1 207 000	21 767 000
Subtotal	33 600 000	33 425 000	33 950 000	32 500 000	29 800 000	28 460 000	24 270 000	20 860 000	17 820 000	18 145 000	272 830 000
Il-Pajjiżi tal-Afrika											
Il-Kamerun	6 200 000	5 700 000	5 600 000	5 100 000	4 500 000	4 380 000	3 720 000	3 210 000	4 260 000	4 607 000	47 277 000
Il-Kosta tal-Avorju	4 700 000	4 350 000	2 850 000	2 600 000	2 100 000	1 380 000	3 750 000	4 120 000	4 310 000	4 386 000	34 546 000
Is-Somalja	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	600 000	2 800 000	2 600 000	2 070 000	1 760 000	1 500 000	1 280 000	1 088 000	13 698 000
Il-Kap Verde	Mhux Applikabbli	600 000	Mhux Applikabbli	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000	4 100 000
Il-Madagaskar	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000	500 000	3 500 000
Subtotal	10 900 000	10 650 000	9 050 000	11 500 000	10 200 000	8 830 000	10 230 000	9 830 000	10 850 000	11 081 000	103 121 000
IS-SOMMA FINALI	44 500 000	44 075 000	43 000 000	44 000 000	40 000 000	37 290 000	34 500 000	30 690 000	28 670 000	29 226 000	375 951 000

Xi 37% tal-fondi jiffinanzjaw attivitajiet li jtejbu l-kompetittività tas-settur tal-esportazzjoni tal-banana fit-tliet Stati benefiċjarji tal-AKP. Madwar 63% tal-fondi huma ddedikati għad-diversifikazzjoni fil-bqija tal-Istati benefiċjarji (Grafika 1).

5.3. Għanijiet tal-programm

5.3.1. *Strateġiji ta' Rispons 1999 - 2008*


L-Istrateġiji inizjali tal-Appoġġ tal-Banana kienu mmirati lejn il-kompetittività fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, u d-diversità agrikola fil-Kap Verde, il-Madagaskar u s-Somalja. San Vincenz kien jikkombina ż-żewġ għajnijiet.



L-istrateġiji kienu aġġornati lejn l-2002, li dawru l-għan tal-Windwards lejn id-diversifikazzjoni.

Kemm fil-Belize u fil-Ġamajka, l-istrateġiji riveduti allokaw ammont akbar lill-iżvilupp rurali biex jstimulaw id-diversifikazzjoni agrikola, hekk kif it-tnaqqis fl-esportazzjoni (il-Ġamajka) u ż-żieda fil-produttività u l-effiċjenza (il-Belize) naqqsu l-ħtieġa ta' ħaddiema mingħajr sengħa u eskludew lill-iżgħar kultivaturi tal-banana mis-suq tal-esportazzjoni.

Grafika 2: Obiettivi tal-Programm skont il-pajjiż bħala persentaġġ tal-allokkazzjoni



5.3.2. Titjib fil-Kompetittività

Proġetti biex itejbu l-kompetittività tal-esportaturi tal-banana komplew fi tliet pajjiżi fl-2005-2008. Fl-2007 - 2008, il-Belize alloka aktar fondi għad-diversifikazzjoni. Il-Ġamajka użat biss ammont ta' fondi limitati biex ittejjeb il-kompetittività minkejja li intlaqtet minn urugani kbar fis-sentejn li huma.

L-attivitajiet appoġġjati taħt dan l-objettiv huma:

- It-tiġdid tal-pjantaġġuni fil-Kamerun, is-Surinam u l-il-Ġamajka.
- Investimenti biex jinkiseb/jinżamm il-EUREGAP u/jew iċ-ċertifikazzjonijiet ta' kwalità ISO 14001⁷ fil-Belize, il-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju, il-Ġamajka u s-Surinam.
- Trattament, imballaġġ u ħażna fil-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju u s-Surinam.


⁷ Dawn l-istandards ta' kwalità huma imposti mill-bejjiegħa bl-imnut il-kbar Ewropej.

- Infrastruttura soċjali fil-pjantaġġuni u mikro-proġetti soċjali għall-ħaddiema tal-pjantaġġuni fil-Beliże, il-Kamerun u l-Kosta tal-Avorju.
- Assistenza Teknika fil-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju u l-Ġamajka u appoġġ istituzzjonali għall-Beliże u l-Ġamajka.

Programmi li jappoġġjaw il-kompetittività rrappreżentaw madwar 48% tal-allokkazzjonijiet totali bejn l-1999 u l-2008. Fl-2007 u l-2008 dawn niżlu għal 42% u 37%.

L-4 pajjiżi li għadhom jappoġġjaw dan l-oġġettiv (il-Beliże, il-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju u s-Surinam) żammew jew żiedu l-kwantitajiet esportati lejn l-UE fil-perjodu 2006-2008.

Il-kwantitajiet esportati mill-Ġamajka kienu affettwati minn hsrat ikkwazati mill-urugani fl-2007 - 2008: 32 000 t. fl-2006, 18 000 t. fl-2007 u 0 fl-2008.



5.3.3. Diversifikazzjoni

L-appoġġ għad-diversifikazzjoni kien magħżul minn 8 pajjiżi fl-2007 u 9 fl-2008. Il-Kap Verde, Dominika, il-Grenada, il-Madagaskar, is-Somalja, St Luċija u San Vincerz jew waqfu jesportaw jew raw l-esportazzjoni tal-banana tagħhom tonqos sostanzjalment bejn kmieni fid-disgħinijiet (1990s) u l-2002. Dominika, St Luċija u San Vincerz irnexxielhom iżommu l-esportazzjoni mill-2003 fuq livell aktar baxx (madwar 20%-33% tal-volumi tal-1993). Il-Beliże u l-Ġamajka qalbu għad-diversifikazzjoni fl-2007 u l-2008 (Grafika 6).

Il-programmi tal-2007 - 2008 jinkludu:

- Investimenti fit-turiżmu, biex jiġi pprovdut xogħol alternattiv għall-bdiewa tal-banana u l-ħaddiema tal-Lvant tal-Karibew.
- Diversifikazzjoni agrikola lejn l-ortikultura li timmira lejn is-suq lokali fil-Madagaskar u l-industrija tat-turiżmu kif ukoll is-swieq lokali fil-Lvant tal-Karibew u l-Ġamajka; appoġġ istituzzjonali biex jissaħħu s-servizzi ta' estensjoni agrikoli.
- It-tisħiħ tas-setturi tat-turiżmu u/jew privati tal-Lvant tal-Karibew.
- L-iżvilupp rurali fil-Beliże, il-Kap Verde, il-Ġamajka u s-Somalja (inklużi investimenti firrigazzjoni fuq skala żgħira).
- L-assistenza teknika u appoġġ istituzzjonali fid-9 pajjiżi kollha.

6. IMPLIMENTAZZJONI

6.1. Ġenerali

Minkejja li l-iskema skadiet f'Diċembru 2008, il-programmi kontinwi se jibqgħu għaddejnin għal xi snin oħra.

Il-programmi huma implimentati taħt ġestjoni ċentralizzata (il-Grenada, Is-Surinam, il-Kamerun, u s-Somalja) u ġestjoni parzjalment deċentralizzata (il-Beliże, il-Ġamajka, Dominika, St Luċija, San Vinċenz, il-Kap Verde, il-Kosta tal-Avorju u l-Madagaskar).

6.2. L-Impenji

B'mod ġenerali l-implimentazzjoni tal-programmi żdiedet bil-ħeffa mill-2007, meġġuna mill-miżuri li ttieġdu. Kemm l-impenji u l-ħruġ ta' flus fl-2007 u l-2008 kienu sostanzjalment oġġla mill-allokazzjonijiet (Grafika 4 u Tabella 1), u tnaqqas id-dewmien.

Tabella 2: Impenji u ħruġ ta' flus

		EUR
ALLOKAZZJONIJIET TOTALI KARIBEW + AFRIKA 1999 - 2008		375.951.000,00
		EUR
IMPENJI KARIBEW + AFRIKA 1999 - 2008		281.020.642,64
		EUR
HLASIJET KARIBEW + AFRIKA 1999 - 2008		195.151.162,19
		EUR
RAC KARIBEW + AFRIKA 1999 - 2008		94.930.357,36
		EUR
RAL KARIBEW + AFRIKA 1999 - 2008		180.799.837,81
		EUR
Allokazzjonijiet Karibew + Afrika 2006 - 2008	88.586.000,00	
Impenji Karibew + Afrika 2006 - 2008	15.585.626,72	17,6 %
Allokazzjonijiet Karibew + Afrika 2003 - 2005	111.790.000,00	
Impenji Karibew + Afrika 2003 - 2005	105.360.348,52	94,2 %

Minn tmiem l-2008, 73% kienu impenjati għall-kuntratti, imqabbla ma' 48% impenjati sa tmiem l-2006 (Tabella 3). Bħala medja kellhom jgħaddu sentejn wara d-Deċiżjonijiet ta' Finanzjament biex il-biċċa l-kbira tal-fondi jiġu impenjati għall-kuntratti pplanati. Qed isiru sforzi biex jitnaqqas id-dewmien sa massimu ta' 18-il xahar għal fondi allokati fl-2007 - 2008. Il-mira hi li l-biċċa l-kbira tal-fondi jiġu impenjati fl-2010 apparti mill-evalwazzjonijiet u l-awditjar ex post.

L-RAC⁸ totali kien 27% fi tmiem l-2008, imqabbel ma' 52% fi tmiem l-2006.


⁸ L-RAC jew il-Bqija li għandu jiġi Kkuntrattat jindika l-persentaġġ tal-fondi allokati għall-proġett li għalih ma ġew iffirmati l-ebda xogħlijiet, fornimenti ta' servizzi jew ta' kuntratti ta' għotjiet jew stimi ta' programmi.

Tabella 3: Status ta' Finanzjament skont is-sena tal-allokkazzjoni

Il-pajjiżi kollha	Sena	Allokkazzjonijiet (€)	Impenji (€)	Flasijiet (€)	RAC (€)	RAC %	RAL (€)	RAL %
	1999	44 500 000.00	43 475 608.78	42 095 728.17	1 024 391.22	2%	2 404 271.83	5%
	2000	44 075 000.00	39 934 158.83	33 462 635.64	4 140 841.17	9%	10 612 364.36	24%
	2001	43 000 000.00	40 483 859.31	34 977 171.91	2 516 140.69	6%	8 022 828.09	19%
	2002	44 000 000.00	36 181 040.48	22 480 047.18	7 818 959.52	18%	21 519 952.82	49%
	2003	40 000 000.00	37 249 522.44	23 573 857.92	2 750 477.56	7%	16 426 142.08	41%
	2004	37 290 000.00	35 385 028.32	20 854 670.49	1 904 971.68	5%	16 435 329.51	44%
	2005	34 500 000.00	32 725 797.76	12 574 525.20	1 774 202.24	5%	21 925 474.80	64%
	2006	30 690 000.00	13 496 220.72	4 420 564.68	17 193 779.28	56%	26 269 435.32	86%
	2007	28 670 000.00	2 089 406.00	711 961.00	26 580 594.00	93%	27 958 039.00	98%
	2008	29 226 000.00	0.00	0.00	29 226 000.00	100%	29 226 000.00	100%
Subtotal		375 951 000.00	281 020 642.64	195 151 162.19	94 930 357.36	25%	180 799 837.81	48%
	Studji	900 000.00	695 731.50	635 195.31	204 268.50	23%	264 804.69	29%
Total		376 851 000.00	281 716 374.14	195 786 357.50	95 134 625.86	25%	181 064 642.50	48%

6.3. Ħlasijiet

Il-ħlasijiet globali kienu jammontaw għal 52% fi tmiem l-2008, titjib kbir meta mqabbel ma' 35% fi tmiem l-2006 (Tabella 3)




Il-ħlasijiet żdiedu mill-2005, u laħqu l-EUR 46 miljun fl-2008 - aktar mid-doppju meta mqabbel mal-2006. Id-dewmien tnaqqas sostanzjalment. Il-ħlasijiet flimkien mal-RAP⁹ jagħmlu l-impenji.

Il-ħlasijiet mistennija jilħqu s-EUR 60 miljun fl-2009 u l-2010. Il-bqija tal-fondi għandhom jiġihallu fl-2011 - 2012 apparti mill-evalwazzjonijiet jew l-awditjar ex post.

⁹ L-RAP jew il-Bqija li baqa' biex Jiġihallu jindika l-persentaġġ tal-fondi impenjati jew kuntrattati f'kuntratti imma li għandhom ma tħallsux, jew ma ħarġux.

Grafika 5: Status Finanzjarju skont is-sena tal-allokkazzjoni bħala persentaġġ tal-allokkazzjoni totali



L-RAL totali ¹⁰ 48% fi tmiem l-2008, imqabbel ma' 65% fi tmiem l-2006.

6.4. Progress fuq livell ta' pajjiż

Il-pajjiżi tal-AKP li qed jiffukaw fuq il-kompetittività (il-Belize, il-Ġamajka, is-Surinam, il-Kamerun, u l-Kosta tal-Avorju) implimentaw il-programmi tagħhom aktar bil-ħeffa u għalhekk għandhom RACs (19% - 24%) u RALs (35% - 56%) aktar baxxi (Tabella 4).

Il-pajjiżi AKP li qed jiffukaw fuq id-diversifikazzjoni (Dominika, il-Grenada, St Luċija, San Vincenz, il-Kap Verde, il-Madagaskar u s-Somalja) irnexxilhom iħaffu l-implimentazzjoni mill-2006. Madankollu l-RACs (19% - 74%) u l-RALs (32% - 81%) huma aktar varjabbli u ogħla mill-medji globali ta' 25.3% (RAC) u 48.1% (RAL).

¹⁰ L-RAL jew il-Bqija X'jiġi Likwidat jindika (l-persentaġġ) tal-fondi allokati lill-programm li għadhom ma tħallsux jew ma ħarġux. Dan jinkludi dak li Baqa' X'jitħallas (RAP) fuq kuntratti eżistenti ta' implimentazzjoni

Tabella 4: Status Finanzjarju skont il-pajjiż

	Allokazzjonijiet (€)	Impenji (€)	Flasijiet (€)	RAC (€)	RAC %	RAL (€)	RAL %
Il-Beliże	27 719 000.00	21 749 415.38	15 959 198.62	5 969 584.62	22%	11 759 801.38	42%
Il-Ġamajka	42 625 000.00	34 656 171.84	27 664 349.83	7 968 828.16	19%	14 960 650.17	35%
Dominika	52 503 000.00	39 472 434.09	22 441 384.45	13 030 565.91	25%	30 061 615.55	57%
St Luċija	71 623 000.00	50 239 673.65	33 004 820.80	21 383 326.35	30%	38 618 179.20	54%
San Vincenz	51 093 000.00	41 290 569.20	23 600 296.00	9 802 430.80	19%	27 492 704.00	54%
Il-Grenada	5 500 000.00	3 887 119.97	3 224 044.47	1 612 880.03	29%	2 275 955.53	41%
Is-Surinam	21 767 000.00	16 315 936.67	12 176 565.69	5 451 063.33	25%	9 590 434.31	44%
Subtotal Karibew	272 830 000.00	207 611 320.80	138 070 659.86	65 218 679.20	23.9%	134 759 340.14	49.4%
Il-Kamerun	47 277 000.00	35 349 181.62	29 869 122.30	11 927 818.38	25%	17 407 877.70	37%
Il-Kosta tal-Avorju	34 546 000.00	22 655 888.96	15 333 367.71	11 890 111.04	34%	19 212 632.29	56%
Is-Somalja	13 698 000.00	12 350 524.26	9 301 680.17	1 347 475.74	10%	4 396 319.83	32%
Il-Kap Verde	4 100 000.00	1 053 727.00	776 332.15	3 046 273.00	74%	3 323 667.85	81%
Il-Madagaskar	3 500 000.00	2 000 000.00	1 800 000.00	1 500 000.00	43%	1 700 000.00	49%
Subtotal Afrika	103 121 000.00	73 409 321.84	57 080 502.33	29 711 678.16	28.8%	46 040 497.67	44.6%
IS-SOMMA FINALI	375 951 000.00	281 020 642.64	195 151 162.19	94 930 357.36	25.3%	180 799 837.81	48.1%

7. SORVELJANZA TAL-IMPATT

7.1. Ġenerali


Valutazzjoni esterna ikkummissjonata fl-2008 u li tlestiet fl-ewwel tliet xhur tal-2009, kienet tinvolvi missjonijiet lejn 8 pajjiżi (il-Beliże, il-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju, Dominika, il-Ġamajka, St Luċija, San Vincenz u s-Surinam). B'mod ġenerali r-riżultati rrappurtati għal-Lvant tal-Karibew japplikaw ukoll għall-4 pajjiżi ma żaruhomx.

Il-programmi kontinwi ġew evalwati f'termini ta':

- Relevanza u validità tal-objettivi
- Validità tal-istrateġiji ta' rispons fuq medda medja ta' żmien skont il-pajjiż
- Effiċjenza u effettività tal-SFA
- Ir-riżultati u l-impatti tal-attivitajiet ippjanati fuq il-kompettività tal-produtturi li jesportaw il-banana
- Ir-riżultati u l-impatti tal-attivitajiet ippjanati ta' diversifikazzjoni fuq (ex-) hawwiela tal-banana u (ex-) ħaddiema fis-settur tal-banana.
- Sostenibbiltà tal-programmi

7.2. Relevanza tal-istrateġiji tal-pajjiżi

L-istrateġiji li jsaħħu l-kompettività ippruvaw ir-relevanza tagħhom u kienu ċari u fattibbli f'dawk il-pajjiżi li 1) urew impenn f'saħħtu għal dan il-għan; 2) kellhom karatteristiċi agronomiċi favorevoli; 3) diġà kellhom setturi strutturati kummerċjali ħafna u 4) kienu f'pożizzjoni li jittrasformaw is-settur tal-banana f'settur aktar tekonoġiku u kummerċjali (il-Beliże, il-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju, is-Surinam u, għall-bidu l-Ġamajka). Il-programmi SFA tagħhom taw prijorità liż-żieda fil-produttività, it-titjib fil-kwalità tal-prodotti u l-ħarsien ambjentali, it-taħriġ, il-kummerċjalizzazzjoni



Diversifikazzjoni b'suċċess tinbet minn taħlita ta' inizjattivi fuq il-livelli makro, meso u mikro. L-aġendi tad-diversifikazzjoni ekonomika tal-pajjiżi kienu mhux speċifiċi, multisettorjali u kellhom prijoritajiet u skadenzi li jvarjaw; il-programmi kienu jibbenefikaw minn linji gwida aktar ċari.

Fuq id-diversifikazzjoni, l-evalwazzjoni sabet li:

- Kien hemm iżżejjed proġetti u programmi li kienu imfassla/implimentati (pereżempju fl-2008 St Luċija kellha 64 interventi kontinwi tal-valur ta' EUR 69 miljun).
- Kien hemm wisq oqsma fil-mira, pereżempju t-turiżmu, it-toroq, l-iżvilupp tas-settur privat u l-iżvilupp agrikolu, fattur li naqqas il-prospetti ta' xi impatt sinjifikanti.

7.3. Impatt

L-industrija tal-banana għandha rwol kruċjali fil-Belize, il-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju, Dominika, il-Ġamajka, is-Surinam, St Luċija u San Vincenz. F'Dominika, St Luċija u San Vincenz, l-esportazzjoni tal-banana rappreżentat 18.1%, 19.7% u 22.3% tal-esportazzjoni totali tal-pajjiżi fl-2006 (FAO 2008). Meta tqabbel, is-settur tal-banana jammonta għal 9% u 7% tal-esportazzjoni tal-Kamerun u l-Kosta tal-Avorju.

Il-programmi SFA wettqu kontribuzzjonijiet siewja biex itejbu l-kompetittività fil-Belize, il-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju u s-Surinam, u offrewlhom prospetti aktar qawwija biex ifendu f'ambjent aktar liberalizzat.

Is-sehem tal-fornituri tradizzjonali tal-Karibew naqas minn 52.3% mit-total tal-importazzjoni tal-banana tal-AKP fl-1992 għal 13% fl-2008. Fl-istess waqt, l-importazzjoni fl-Afrika telgħet minn 37.4% tat-total tal-banana tal-AKP fl-1992 għal 59% fl-2008, u l-esportazzjoni mir-Repubblika Dominikana (mhix benefiċjarju tal-SFA) u l-Belize telgħet minn 10% tat-total tal-banana tal-AKP fl-1992 għal 28% fl-2008.

Is-Surinam huwa storja ta' suċċess. Grazzi wkoll għall-appoġġ tal-SFA, l-industrija ingħatat il-ħajja mill-ġdid u ġiet ittrasformata f'esportatur effiċjenti, l-uniku produttur tradizzjonali tal-AKP li rreġistra tkabbir pożittiv fl-esportazzjoni matul l-2006 - 2008.

Ir-rapport tal-evalwazzjoni jissuġġerixxi li hu misteni li l-attivitajiet ikunu sostenibbli fuq perjodu minn qasir sa medju. Jekk il-Belize, il-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju u s-Surinam humiex se jibqgħu kompetittivi taħt skeda tariffarja differenti, jiddependi kważi għal kollox mill-ħila tagħhom li jżidu l-produttività lil hinn mill-2009.

Għadu kmieni wisq biex wieħed ikun żgur mill-effetti li l-appoġġ tal-SFA għandu fuq l-istabbiltà ekonomika u d-diversifikazzjoni la darba li tħallsu biss 50% tal-allokkazzjonijiet sal-aħħar tal-2008. Barra minn dan, l-investimenti l-kbar ta' diversifikazzjoni huma f'attivitajiet fiżiċi relatati mal-infrastruttura (toroq, bini eċċ) b'perjodi ta' żmien konsiderevoli qabel tkun tista' ssir utilizzazzjoni effiċjenti ta' dawn l-assi.

L-impatt ma jistax jiġi kkwantifikat peress li 1) tibdiliet fir-regoli finanzjarji tal-KE wasslu biex imajnew il-ħlasijiet u l-estensjonijiet ta' żmien għal madwar nofs l-attivitajiet taħt l-SFA 2003-2005. 2) l-Indikaturi Oġġettivament Verifikabbli għal uħud mill-pajjiżi pereżempju il-Kosta tal-Avorju u l-Kamerun, ma kinux żviluppatti kif suppost u ma jistgħux jintużaw biex jiġi vvalutat l-impatt, u 3) ma kienx hemm sistemi ta' monitoraġġ u dawk tal-ġbir tad-dejta biex jiġġeneraw informazzjoni kumulattiva fuq riżultati mistennija u/jew attwali, pereżempju l-Belize.

Madankollu, bħala riżultat tal-appoġġ tal-SFA, l-Istati tal-Lvant tal-Karibew issa qed jiffukaw fuq prerekwiżiti għal diversifikazzjoni ekonomika li tirnexxi. Il-bidla mid-dipendenza tradizzjonali fuq il-banana lejn opportunitajiet oħra illum hija inkorporata fil-pjanijiet ta' żvilupp tagħhom.

L-enfasi kurrenti fuq it-tiħiħ tal-infrastruttura essenzjali (San Vinċenz u Dominika), it-titjib tal-edukazzjoni rurali (il-Belize), l-iżvilupp tas-settur privat (San Vinċenz u St Luċija), l-inkorporar tal-edukazzjoni tal-ICT fil-kurrikula tal-iskejjel, l-ippjanar ġenerali għat-turiżmu u s-sistemi soċjali ta' appoġġ eventwalment se jagħtu riżultati pożittivi. Il-pajjiżi li qed jiddiversifikaw illum huma ħafna aktar impenjati biex jibnu l-kapaċitajiet biex jiddiversifikaw fuq bażi sostenibbli.

Il-programmi SFA kellhom effett pożittiv fuq popolazzjonijiet u komunitajiet fil-mira, bl-iffinanzjar ta' investimenti soċjali speċifiċi (jiġifieri Fondi ta' Investimenti Soċjali, skemi ta' żvilupp rurali, edukazzjoni u saħħa).

Fil-pajjiżi orjentati lejn il-kompetittività, is-settur tal-banana issa huwa allineat aktar mill-qrib mar-rekwiżiti tas-suq u l-politiki u l-istandards ambjentali tal-UE. Il-

protokoll ta' produzzjoni ddetati mis-suq (pereżempju EurepGAP u ISO 14001) tejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-irziezet, saħħu l-prospetti għall-konservazzjoni tal-ħamrija u naqqsu l-impatt ambjentali negattiv. Sabiex jiksbu ċertifikazzjoni Ewropea, il-produtturi kienu sfurzati biex jużaw l-inputs b'mod aktar razzjonali u biex inaqqsu l-użu ġenerali tal-agrokimiċi, materjal tal-ippakkjar, makkinarju u enerġija.

Is-sostenibbiltà ta' inizjattivi ta' diversifikazzjoni tiddependi fuq l-impenn tal-gvern li jinkorpora dawk l-attivitajiet fl-allokkazzjonijiet baġetarji annwali u l-pjanijiet tan-nefqa. L-evalwazzjoni sabet li l-pajjiżi li qed jiddiversifikaw qed jużaw ir-riżorsi tal-SFA biex jibnu kapaċitajiet nazzjonali biex jindirizza sfidi u għanijiet ta' diversifikazzjoni ekonomika aktar wiesa' u tat-tul.

8. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

Il-Kummissjoni għamlet sforzi biex tħaffef l-eżekuzzjoni filwaqt li tħares il-kwalità, lestiet l-adattazzjonijiet meħtieġa tal-proġetti kontinwi tal-SFA u rivediet/ipprogrammat dawk approvati fl-2006, l-2007 u l-2008. Il-ħlasijiet attwali mill-programmi kollha tal-SFA żdiedu minn EUR 21 miljun fl-2006 għal EUR 46 miljun fl-2008. Il-ħlas tal-programmi kollha se jkun lest fl-2012 (apparti mill-evalwazzjonijiet u awditjar ex post).

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jinkludi ħarsa ġenerali lejn ir-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-Rapport tal-2006 dwar il-Monitoraġġ u l-Valutazzjoni tal-Impatt (COGEA, 2006) u l-azzjonijiet li ttieħdu. Madwar it-8 pajjiżi kollha rrapportati fir-Rapport tal-2008 dwar il-Monitoraġġ u l-Valutazzjoni tal-Impatt (HTSPE, 2009), kien hemm progress sinjifikanti kemm fil-kompetittività u kemm fi kwistjonijiet relatati mad-diversifikazzjoni.

Xi progress lejn titjib fil-kompetittività u żieda fid-diversifikazzjoni.

Il-programmi għamlu kontribuzzjonijiet sostanzjali biex jintlaħqu l-oġettivi:

- (1) Kompetittività mtejbja fil-Belize, il-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju u s-Surinam, għalkemm l-appoġġ ma setax jikkumpensa għall-ħsara kkawżata mill-urugan fil-Ġamajka fl-2005, 2007, u l-2008.
- (2) Kapaċità mtejbja għal diversifikazzjoni ekonomika b'suċċess fil-Lvant tal-Karibew u għal diversifikazzjoni agrikola (fejn hi mgħassa) fis-Somalja, il-Kap Verde u l-Madagaskar, għalkemm l-impatt sħiħ għadu ma jistax jiġi kkwantifikat.

Fil-pajjiżi orjentati lejn il-**kompetittività**, is-settur tal-banana issa huwa allineat aktar mill-qrib mar-rekwiżiti tas-suq u l-politiki u l-istandards ambjentali tal-UE, b'hekk hemm bażi stabbilita għal żvilupp sostenibbli tan-negozju.

L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport preċedenti irriżultat f'titjib notevoli fl-implimentazzjoni fil-ħin u ta' kwalità fil-Belize, il-Ġamajka u l-Gżejjer Windward. Dan l-aspett kien anqas relevanti kemm għall-Kamerun u l-Kosta tal-Avorju, li jibbenefikaw minn sorsi aktar iddiversifikati ta' finanzjament u għalhekk kienu anqas dipendenti fuq l-appoġġ.

F'pajjiżi fejn **id-diversifikazzjoni** hi prijorità, l-effiċjenza batiet minn nuqqas ta' ffukar, ħafna investimenti żgħar ħafna, li bħala medja jlaħħqu mal-EUR 1 miljun - 1.5 miljun, b'potenzjal limitat ta' impatt reali. Barra minn hekk, ir-rabtiet bejn id-diversi inizjattivi għadhom limitati u fraġli.

L-evalwazzjoni esterna rrakkomandat li l-pajjiżi tal-AKP li huma impenjati favur id-diversifikazzjoni għandhom jifflu l-kontribuzzjonijiet tal-portafolli tal-SFA tagħhom għall-aġenda tagħhom ta' diversifikazzjoni ekonomika fil-livell makro. Dan għandu jinkludi valutazzjoni tal-koeżjoni ta' tali programmi u l-iffaċilitar tal-formulazzjoni/aġġornar tal-istrateġija ta' diversifikazzjoni ta' kull pajjiż, bi prijoritajiet ċari li jinkludu l-kwantità u s-sorsi tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex l-attivitatijiet ewlenin jiġu appoġġjati u istituzzjonalizzati.

Sabiex jitjbiebu kemm il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-impatt tal-programmi ta' diversifikazzjoni, hu rrakkomandat ukoll li jkun hemm aġġornar u titjib tal-oqfsa loġiċi u l-użu tagħhom bħala għodod ta' ġestjoni ta' programmi biex jiġi żgurat li l-aġenziji ta' implimentazzjoni jkunu konxji kontinwament u qed jaħdmu biex jiksbu r-riżultati mistennija u jkejlu attivament l-indikaturi li hemm qbil dwarhom.

Is-sostenibbiltà tal-esportazzjoni tal-banana tal-AKP għadha fraġli

Il-prospetti għal kompetittività sostnuta huma ġeneralment dipendenti fuq 1) ir-riżultat tan-negozjati kontinwi dwar il-kummerċ internazzjonali u 2) il-kapaċità tal-pajjiżi li jiksbu titjib ulterjuri fil-produttività u jnaqqsu l-ispejjeż.

L-istrateġiji li qed isegwu xi pajjiżi kienu lura f'dik li hi valutazzjoni realistika tal-isfidi maħluqa mis-sitwazzjoni internazzjonali tas-suq u l-implikazzjonijiet potenzjali futuri tal-konklużjoni tan-negozjati bilaterali kontinwi dwar il-kummerċ tad-WTO. Ir-riżultati jistgħu jaslu meta l-pajjiżi 1) juru impenn f'saħħtu li jadattaw ruħhom għall-iżviluppi internazzjonali, 2) ikollhom karatteristiċi agronomiċi favorevoli, u 3) ikollhom diġà setturi strutturati kummerċjali ħafna.

Il-pajjiżi li jesportaw il-banana baqgħalhom sfidi x'jiffaċċjaw. Jeħtieġ li jindirizzawhom flimkien u ma' appoġġ internazzjonali. Il-komunità internazzjonali, inkluża l-UE, qed tagħti aktar importanza biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex iżidu fil-kompetittività tagħhom tal-ekonomija kollha u jagħmlu użu aħjar mill-opportunitajiet internazzjonali tal-kummerċ. L-Għajnuna tal-UE għall-Kummerċ ma tiffukax biss sempliċiment fuq setturi individwali. Wieħed mill-prerekwiżiti tas-suċċess hu li jitfasslu u jiġu aġġornati strateġiji li jinvolvu ħafna partijiet interessati biex jiġi żviluppat il-kummerċ u l-integrazzjoni fis-sistema internazzjonali tal-kummerċ.

L-implimentazzjoni tal-SFAs fuq għaxar snin ippermettiet lill-pajjiżi li qed jirċievu biex jippjanaw strateġikament u se tibqa' punt ta' referenza utli għal azzjoni futura.